

# L-Arċisqof Emanuele Gerada (1920-2011) u l-Festa ta' Santa Venera

*Joseph Giorgio - Ħal Qormi*

Nhar il-Ġimgħa 21 ta'Jannar, 2011, tħabbret il-mewt tal-Isqof Emanuel Gerada fil-għomor ta'90 sena. L-Arċisqof Emanuel Gerada, għadda l-biċċa l-kbira ta'ħajtu fis-servizz Diplomatiku tas-Santa Sede, u ta' kontribut kbir lill-knisja f'Malta

Mons. Gerada, twieled iż-Żejtun fit-18 ta'Mejju 1920. Fl-1 ta'Awwissu 1943 ġie ordnat saċerdot u fl-1944 mar l-Ingilterra fejn beda kors tal-Klassiċi Ingliżi. Fl-1945 daħal jgħallem is-Seminarju fil-Furjana u fl-1946 mar Ruma fejn beda kors fid-Dritt Kanoniku. Fl- 1949 kien beda kors tad-Diplomazija fil-Pontificia Accademica. Wara li huwa spiċċa dan il-kors, Dun Manuel baqa jaħdem fis-Segretarija tal-Istat tal-Vatikan. L-intelliġenza u l-kwalitajiet għolja tiegħu ġew imfaħħra mit-tmexxija tal-Vatikan. Serva wkoll fl-Egittu, fl-Indja, f'Dublin, f'Tokjo u fil-Messiku.

Fl-1967 Mons. Gerada irritorna Malta, u kien ordnat Isqof Titulari, kif ukoll Isqof Awziljarju tal-Arċisqof Mikiel Gonzi. Xi ħaġa li se jibqa' msemmi għaliha l-Isqof Gerada kienet, li spiċċa bħala medjatur bejn il-Malta Labour Party u l-Knisja fil-kwistjoni twila li kienet ilha għaddejja bejniethom u spiċċa biex intlaħaq ftehim nhar il-Gimgħa l-Kbira fl-1969.

Nixtieq insemmi okkażjoni meta fis-sena 1968, Mons. Gerada kien mistieden għal festa ta'Santa Venera, meta dik is-sena l-Parroċċa kienet qed tiċċelebra l-50 sena mit-twaqqif tagħha (1918-1968). Fil-festa ta'Santa Venera Mons. Gerada, dak iż-żmien Isqof Awżiljari, mexxa l-Quddiesa Solenni tal-Festa, dak iż-żmien fil-knisja antika. Naħseb, u sa fejn naf jien, dan kien l-uniku Pontifikat li qatt sar fil-Parroċċa tagħna. Jekk m'hiniex sejjer żball dak inhar il-Panigirku tal-festa kien għamlu Dun Mattew Chircop li kien kappillan fil-Ħamrun u wara Monsinjur tal-Kattidral, wara ħidma twila f'dik il-Parroċċa.

Fl-1973 Mons. Gerada kompla bil-ħidma tiegħu fis-Servizz Diplomatiku tal-Vatikan. Kien maħtur Nunzju Appostoliku ta' El Salvador u l-Guatemala. Fl-1980 inħatar Nunzju Appostoliku tal-Pakistan, u fl-1989 tal-Irlanda.

Mons. Gerada rritorna Malta fl-1995 u temm il-karriera twila ta'diplomazija. Il-funeral tal-Isqof Gerada sar fil-Kon-Kattedral ta'San Ġwann il-Belt, fil-25 ta'Jannar 2011. Il-Quddiesa tal-funeral tmexxiet mill-Arċisqof Pawlu Cremona. Il-funeral tkompla b'forma privata fejn saret id-difna fil-qabar tal-familja, fiċ-ċimiterju ta'San Girgor, iż-Żejtun.